# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## ILLUM 14 TA' NOVEMBRU 2024

**Rik. Gur. Nru.: 64/21 JPG**

**Kawza Nru: 23**

**KSC**

**Vs**

**JB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' KSM datat 18 ta' Frar 2021 a fol 1 li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni bejn il-kontendenti, twieldu z-zewg minuri, u cioe' SBS li twieldet nhar X u ZBS li twieled f'Y;*

2. *Illi r-relazzjoni tal-kontendenti sfaxxat fix-xejn zmien ilu, u minkejja diversi seduti ta' medjazzjoni il-partijiet ma setghu qatt jaslu ghal xi forma ta' kompromess minhabba inadempjenza tal-konvenut li anke naqas milli jattendi ghas-seduti ta' medjazzjoni;*

3. *Illi fil-fatt il-konvenut abdika minn kull sens ta' responsabbilita' versu z-zewg minuri u ormai ilu ma jmantni, u jezercita access versu, lill-istess ulied ghal dawn l-ahhar xhur anke jekk illum hemm ordni ta' mantenimet dovut minnu;*

4. *Illi l-esponenti giet debitament awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat b'digriet tad-disgha u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (29/01/2021).*

***Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:***

1. *Tafda l-kura u kustodja u t-tutela tal-minuri SBS u ZBS esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi l-minuri jkomplu jghixu mal-omm u b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardjaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinajra u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno' ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-intimat;*

2. *Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-Minuri u dan sakemm l-istess jghalqu t-tmintax –il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji tagghom fuq bazi full time u konsegwentament tordna lill-konvenuta sabiex thallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal- pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri;*

3. *Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol li hu ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*

4. *Tiddikjara u tiddeciedi li kull ghajnuniet ghal familja inkluz children's allowance tal-ulied minuri SBS u ZBS jigu ippercepiti fl-intier taghhom mill-esponenti omm u konsegwentement tordna lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali biex jghaddi l-istess lill-esponenti omm;*

5. *Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri SBS u ZBS, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra- kurrikulari, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat illi r-rikors, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skont il-ligi.

Rat ir-risposta ta' JB datata 26 ta' Mejju 2021 vide a fol 19 li taqra hekk,

*RB in rappresentanza tal-assenti binha JB tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:*

1. *Illi hemm qbil mat-talbiet numri 1,4 u 5 tal-kawza;*

2. *Illi l-eccipjenti jixtieq li jkun akkordat hinijiet ta' access versu uliedu;*

3. *Illi l-eccipjenti ma' jahdimx u huwa disokkupat oltre l-fatt li bhalissa jghix barra minn Malta. Illi fl-eventwalita li l-Qorti tillikwida retta alimentari nonostante dina c-cirkostanza, il-manteniment ghandu jkun wiehed li jista' jigi mhallas minn l-eccipjenti;*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

5. *Bl-ispejjez*

Semghet ix-xiehda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici ipprezentata fid-9 ta' Lulju 2024;

Rat illi l-intimat ghazel li ma jipprezenta ebda nota ta' sottomissjonijiet;

**Ikkonsidrat:**

*Il-Verzjoni tal-Attrici u l-Provi Mresqa minnha:*

L-attrici xehdet f'dawn il-proceduri fil-25 ta' Jannar 2022 (fol. 38) u qalet illi kellha hmistax (15)-il sena meta bdiet tohrog mal-intimat u hu kien seba' snin akbar minnha. Wara sena u nofs, **meta kellha biss sittax (16)-il sena harget tqila bit-tifla tal-partijiet** u l-intimat kien mar jirrisjedi maghha gewwa d-dar ta' ommha. Meta kellha ghoxrin (20) sena regghet harget tqila bit-tieni wild. Ilum tirrisjedi f'post li xtrat l-attrici. Originarjament kienet akkwistat dan il-fond flimkien mal-intimat izda wara ftit, l-intimat waqaf ihallas il-pagamenti u eventwalment xtratu b'mod esklussiv hi. L-attrici trid taghmel kollox hi fejn jidhlu t-tfal anke finanzjarjament filwaqt li l-intimat jonfoq flusu fuq karozzi u muturi.

L-attrici xehdet li l-intimat lanqas biss mar ghall-precett tat-tifel minkejja li kienet infurmatu. Tghid illi fl-ahhar sena li ghexu flimkien il-kontendenti kienu jiggieldu ghaliex sabitlu messaggi minn nisa ohra. Di piu', l-intimat ma kien qed ihallas xejn, la l-pagamenti tas-self u lanqas kontijiet. Kienet marret bit-tfal ghand ommha ghax ma ridx jitlaq mill-fond fejn kienu jghixu. L-intimat ghamel sena u nofs jirrisjedi fil-fond minghajr ma jhallas kontijiet u ghalhekk l-attrici kellha thallas il-kontijiet hi stess. Kien qabad ma' mara minn Paceville, ilum mizzewgin u telaq maghha barra minn Malta **minghajr ma avza lil hadd**. Fl-ewwel sena wara li hasru, bint il-partijiet kellha bzonn tigi rikoverata l-isptar u l-attrici cemplitlu. L-intimat irrabja li kienet kelmitu ghalhekk u xorta ma marx jara lil bintu.

L-attrici tghid illi ghal medjazzjoni l-intimat darba biss gie. Kienet intavolat rikors fl-atti tal-medjazzjoni sabiex tibda tircievi manteniment *pendente lite*. Il-Qorti, wara li l-intimat ma wegibx, ordnatlu li jibda jivversa l-ammont ta' sitt mitt euro (€600) fix-xahar. Xorta wahda baqa' ma jhallasx manteniment u hi kienet tmur taghmillu r-rapporti l-ghassa tal-Pulizija. Qatt ma hallas u lit-tfal qatt ma jipprova jaghmel kuntatt maghhom jew jarahom. L-attrici ghandha bzonn taghmel il-passaport tal-minuri. Kull meta jkollha bzonn tkellmu ccempel lill-ommu biex tkelmu hi.

Sabiex tikkorrobora l-verzjoni taghha, l-attrici resqet is-segwenti provi:

1. *Ix-xhieda ta' SC, ossia omm l-attrici* li xehdet fit-23 ta' Marzu 2022 (fol. 41) u sostniet illi hi ma kellhiex pjacir li t-tifla harget mal-intimat ghaliex kien sebgha (7) snin akbar minnha. Kienet titla' Paceville warajha biex ma thallix lit-tifla mieghu. Meta t-tifla harget tqila, kemm-il darba kienet ser tmexxi kontrih ghaliex it-tifla taghha kienet ghadha minorenni. Madanakollu kienu tawha parir li kienet ser titlef anke lil bintha u lit-tarbija hekk ghaliex ladarba l-attrici kienet mghomija fuqu, il-proceduri kienu jmorru kontra x-xhud. L-intimat kien jahdem dak iz-zmien izda l-pram biss xtara hu jew ommu. Il-bqija kollox hi u zewgha xtraw ghat-tarbija. L-attrici baqghet tirrisjedi maghha u kull darba li tkun ser taqbad tistudja, l-intimat jaqbad jirribella.

   Ix-xhud xehdet illi l-attrici kienet regghet harget tqila wara li l-kontendenti kienu hargu u sakru flimkien. In segwitu ta' dan l-attrici kienet waqghet f'dipressjoni. Minn hemm bdiet tahdem. L-intimat kien ibiddel ta' sikwit l-impjieg tieghu fil-kostruzzjoni. L-attrici ghamlet tmien (8) snin tirrisjedi maghha **f'liema zmien l-intimat qatt ma hallas xejn**. Kien ikollhom jghinu finanzjarjament iz-zewg ahwa tal-attrici ghaliex l-intimat ma kien jikkontribwixxi xejn.

   Skont l-intimat, il-glied mal-attrici kien jinqala' dejjem minhabba ommha. Kienet siefret ghand huwha u meta giet lura, il-girien kienu qalulha li kien hemm hafna glied bejn il-kontendenti u l-minuri jwersqu tant, li fit-3am il-girien kellhom jinzlu jghinu lill-attrici. Wara tmien snin, il-kontendenti riedu jippruvaw jghixu ghal rashom. Ix-xhud kienu ssuggeriet li jikru biex jaraw kif imorru izda l-konvenut ried jixtri. Kienu l-genituri tal-attrici li mlew il-post li xtraw biex ikunu komdi, aparti l-ghamara li ghamlu l-partijiet bhala parti mis-self li tahom il-bank. Wara li nfirdu, l-attrici kienet isselfet aktar flus biex tixtri sehem l-intimat. **Hu kien baqa' jirrisjedi**

**fil-post ghal sena shiha f'liema zmien kien biegh kollox – inkluz it-televizjoni u t-*toaster*. Kien hallilha kont tal-utilitajiet ta' 'l fuq minn elf euro (€1000).**

Ix-xhud xhedet li wara li l-kontendenti itterminaw ir-relazzjoni taghhom, l-intimat ma tax kaz aktar tat-tfal. Lit-tifel kien weghdu li se jigi ghal precett tieghu izda ma kienx attenda. It-tifel ghamel ic-cerimonja kollha jittawwal lura biex jara jarahx. It-tifel kellu bzonn terapija minn psikologa ghaliex beda jwahhal f'ommu minhabba li ghadda minn trawma. Xorta wahda ghadu jghid li ghandu missier li qatt ma jmur jarah. Kien hemm darba meta t-tifla giet rikoverata l-isptar u l-attrici cemplet lill-intimat biex imur jarrah izda dan irrifjuta. Kien mar ghal grizma tat-tifla mal-mara li llum hija l-mara tieghu izda aktar kien mohhu li joqghod diehel u hiereg fil-Knisja milli fit-tifla.

L-ispejjez tal-iskola tal-minuri kollha tohroghom l-attrici bl-ghajnuna tal-membri tal-familja taghha. **Min-naha l-ohra l-intimat biddel mal-hmistax (15)-il karozza fi zmien li l-kontendenti kienu flimkien u jonfoq bl-addocc f'oggetti li jiswew il-flus.**

2. *<u>Dr Claire Francica, fl-irwol taghha ta' psikologa li tispecjalizza l-hidma taghha mat-tfal u l-adoloxxenti</u>*, tas-26 ta' Mejju 2022 (fol. 59) bhala terapista tal-minuri iben il-partijiet, xehdet illi bdiet tahdem mal-minuri minn Gunju 2017 sa April 2019. Kienet haditu l-attrici ghaliex kien jibki hafna d-dar. Kienet problema ghat-terapista sabiex ottjeniet il-kunsens tal-missier minhabba n-nuqqas ta' komunikazzjoni. Fl-ahhar ottjeniet il-kunsens tal-missier tramite l-iskola tal-minuri. Dak iz-zmien kienu jghixu go kamra wahda fid-dar tan-nanniet materni. L-omm kellha d-diffikulta ta' kif ser tlehhaq max-xoghol, tiehu hsieb lit-tfal u min se jiehu hsiebhom meta hi tkun xoghol. Kienet l-attrici illi kienet qed thallas il-loan kif ukoll ghas-sessjonijiet ta' terapija, kemm tal-minuri kif ukoll ghal dawk taghha izda imbaghad kienu anke talbu l-ghajnuna finanzjarja tal-iskola. **Il-minuri kien jezebixxi imgieba inkwetanti fejn kien imur l-iskola fuq ghalliema rgiel u jistaqsihom jekk iridux ikunu l-papa' tieghu. Dan tirreferi ghalih bhala "*estrangement*" li huwa vojt li jgarbu t-tfal wara li genitur ikun warrabhom.** Il-minuri kien jibki wkoll biex jistharreg il-futbol izda l-omm ma setghetx thallas. Il-minuri kellu kuntatt man-nanniet paterni.

3. *<u>Ix-xhieda ta' Father Mark Ellul in rapprezentanza tal-Iskola tas-Seminarju</u>* li xehed (fol. 61) illi l-involviment tal-genituri kien kollu online minhabba l-pandemija. Kull darba li kien hemm xi involviment, dejjem kienet l-omm li dehret. Kull ma kellhom l-iskola kien il-mowbajl number tal-missier, la kellhom dettalji ohra u lanqas qatt ma rawh. Il-minuri gieli tkellem mal-*guidance teacher*. Ghandu bzonn ftit ghajnuna fuq livell akkademiku izda mhux tali li jirrikjedi LSE.

4. Nota tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali li ezebiet kopja ta' citazzjoni fil-konfront tal-intimat quddiem il-Magistrat Lara Lanfranco. Din ic-citazzjoni hija fuq nuqqas ta' hlas ta' manteniment ghax-xhur ta' Ottubru, Novembru u Dicembru 2021.

5. *<u>Ix-xhieda ta' Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta</u>*, (fol. 222) taghti rendikont tal-vetturi li juri li prezentement hemm vettura wahda registrata fuq l-attrici u vettura wahda registrata fuq l-intimat. Fil-passat, l-attrici ma kellhiex vetturi ohra registrati fuqha filwaqt li **l-intimat kellu sittax (16)-il vettura differenti**.

**6.** *<u>PS 1030 Clinton Theuma in rapprezentanza tal-Ufficcju tal-Kondotti</u>*, tas-26 ta' Settembru 2022 (fol. 223) ezebixxa kopja tal-fedina penali tal-intimat. Il-fedina penali turi diversi reati li wettaq l-intimat bhal rimi ta' materjal tal-konkos, serq ta' oggetti bhal mowbajl, serq ta' basktijiet minn fuq persuni; sewqan ta' vettura minghajr cinturin tas-sigurta' u b'alterazzjoni fiha, nuqqas ta' pagament ta' manteniment ghall uliedu **- disa' sentenzi li kollha gew ikkonfermati mill-Qorti tal-Appell.**

7. *<u>Louis Buhagiar in rapprezentanza ta' Jobsplus</u>*, (fol. 225) jaghti rendikont tal-impjieg tal-attrici li turi li bejn l-2008 u l-2014, l-attrici kienet tahdem fuq bazi *part-time.* Mis-sena 2014 sal-prezent, l-attrici tahdem fuq bazi *full-time.* Ir-rendikont tal-impjieg tal-intimat juri illi l-intimat biddel diversi impjiegi li whud zammhom biss ghal ftit xhur. L-intimat ilu minghajr impjieg mis-sena 2022 (fol. 101).

**8.** *<u>Stephania Calafato Testa fl-irwol taghha ta' Assistant Registratur tal-Qrati Kriminali</u>*, (fol. 227) ezebiet kopja tal-proceduri pendenti u decizi fil-konfront tal-

intimat. Ix-xhud ezebiet kopji ta' tmien sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)(Gurisdizzjoni Kriminali) li kollha jirrelataw ma' nuqqas ta' pagament tal-manteniment ghall-ulied. **Dawn is-sentenzi kollha gew ikkonfermati mill-Qorti tal-Appell Kriminali.**

9. *L-Ispettur Saviour Baldacchino in rapprezentanza ta' Transport Malta*, (fol. 228) ezebixxa dsatax (19)-il rapport li ghamlet l-attrici. Tmintax (18)-il rapport huma dwar nuqqas ta' pagament ta' manteniment ghall-ulied wara digriet minn din l-Onorabbli Qorti u saru bejn Frar 2020 u Gunju 2022. Fi tlieta mir-rapporti biss, il-Pulizija rnexxielhom ikelmu lill-intimat. Kien hemm zewg rapport li jindikaw li l-Pulizija cemplulu imma hu ma hax it-telefonati filwaqt li tlett (3) rapport jindikaw illi n-numru tal-mowbajl tieghu kien gie dizattivat. Hemm imbaghad rapport iehor maghmul nhar il-11 ta' Dicembru 2026 (fol. 203) li jittratta argument bejn il-partijiet fejn l-intimat beda jinsulenta u jghid lill-attrici biex tiehu l-kalmanti u anke refgha idejh fuqha. Hareg bit-tfal u qalilha li kien ser izommhom hu.

10. *Lino Borg bhala rapprezentant ta' St. Claire's College, Middle and Secondary School*, li (fol. 58) xehed illi bint il-partijiet tattendi fl-iskola fuq indikata u kellha attendenza regolari u rizultati akkademici tajbin. Bhala skola ma kellhomx thassib fuq din il-minuri. L-omm attendiet il-*parents' day* u mir-*records* tax-xhud ma jidhirx li l-intimat qatt talab li jiltaqa' mal-ghalliema.

Din il-Qorti rat in-nota ntavolat f'isem l-intimat nhar it-30 ta' Jannar 2023 (fol. 233) li permezz taghha l-intimat informa lil din il-Qorti illi wara li kien se johrog mill-habs, kien se jibda jahdem bhala *cleaner* b'paga ta' elf u disghin euro (€1090). Ghalhekk huwa ppropona illi hu jkun qed ihallas manteniment attwali ta' erba' mitt euro (€400) u pagament ghall-arretrati tal-manteniment fl-ammont ta' mitt euro (€100).

L-intimat ezebixxa kopja tal-kuntratt tal-impjieg tieghu mas-socjeta' Y&P Marketing (Malta) li gie ffirmat nhar it-22 ta' Marzu 2023 (fol. 238 et seq.) Skont dan il-kuntratt, l-intimat kien sejjer jithallas l-ammont ta' ghoxrin elf u tmien mija (€20,800) fis-sena *pro rata.*

Din il-Qorti rat illi l-*quantum* tal-manteniment gie diskuss waqt is-seduta tad-19 ta' Gunju 2021 fejn gie vverbalizzat illi l-intimat kien beda jivversa l-ammont ta' hames

mitt euro (€500) rapprezentanti manteniment attwali ta' erba' mitt euro (€400) u mitt euro (€100) bhala arretrati li sa April 2023 kienu jammontaw ghal madwar wiehed u ghoxrin elf (€21,000).

Minkejja dan, l-intimat ma deherx aktar quddiem din il-Qorti sussegwentement ghal dik is-seduta u lanqas ipproduca aktar provi.

## Konsiderazzjonijiet:

***Fir-rigward il-kura u l-kustodja u l-access tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.***[1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana *ai termini* tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili [2]. Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017.[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'*** [5]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri"*** [7] .

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-ġenituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-aħjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maġġor parti tal-każijiet li jitressqu għad-deċiżżjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull deċiżżjoni immankabilment tħalli effett duratur fuq il-ħajja tal-minuri u fuq il-ħajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

---

[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[7] Enfazi tal-Qorti.

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn ġie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-***
>
> ***genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

*Fir-rigward il-manteniment ghall-ulied*

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Liġi, il-ġenituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iż-żewġ ġenituri għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied huwa kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u***

---

[8] Enfazi tal-Qorti.

***tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deċiż mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, ingħad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżzi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti, din il-Qorti tqis illi l-verzjoni tal-attrici u cjoe li wara t-twelid tat-tieni wild tal-partijiet, l-intimat abbanduna lill-uliedu u t-trobbija taghhom, ghandha mis-sewwa. Din il-Qorti tinsab preokkupata mmens bil-hsara li gab mieghu l-ghemil tal-intimat fuq iben il-partijiet li sofra "***estrangement",*** fejn il-minuri ZBS kien imur fuq irgiel li ma jigux minnu u jistaqsihom biex ikunu missieru, tant kemm hass in-nuqqas tal-missier. Min-naha l-ohra, din il-Qorti tapprezza l-ghemil tal-attrici li minkejja li kienet maghfusa finanzjarjament, kopriet b'xi mod il-bzonnijiet u l-interessi tal-minuri u hadet lill-minuri ghat-terapija. Il-Qorti sodisfatta mill-provi li juru li l-attrici dejjem ipprovdiet ambjent san ghall-uliedha u pprovdiet ghall-bzonnijiet taghhom. Minkejja d-diffikultajiet li ghaddiet minnhom l-attrici, iz-zewg minuri jidhru li huma jinsabu kuntenti fl-iskola rispettiva taghhom, ghandhom imgieba tajba mal-ghalliema u t-tfal shabhom u sejrin tajjeb akkademikament. It-trobbija tajba tal-ulied u l-progress akkademiku tal-istess minuri mhumiex konsegwenza ta' xi ghemil tal-intimat li wera irresponsabbilta' totali fil-konfront ta' uliedu. Il-Qorti tinnota di piu' li ma hem ebda xrara ta' rimors da parti tal-intimat ghan-nuqqas tieghu li jipprovdi ghall-bzonnijiet taghhom wisq anqas ghall-hsara, trawma u t-tbatija li gab fuqhom. Din il-Qorti tiddeplora n-nuqqas ta' responsabbilta' jekk mhux anke krudelta' li wera l-missier meta l-omm cemplitlu biex tinfurmah li bintu kienet giet rikoverata l-isptar u lanqas biss mar jaraha jew staqsiha ghaliex. L-intimat wera l-istess krudelta' meta wieghed lit-tifel li kien ser jattendi ghall-okkazzjoni tal-precett tieghu u fil-fatt ma attendiex b'rizultat li t-tifel ghamel l-okkazzjoni kollha jhares lura biex jgharrex ghal missieru. Dan hu agir deplorabbli tal-intimat li wara li gab zewgt itfal fid-dinja, mhux talli abbandunahom u ma pprovdix ghat-trobbija taghhom kif titlob il-ligi, talli kkawzalhom hsara u tbatija psikologika u emozzjonali.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li jkun fl-interess tal-minuri illi l-attrici omm tigi fdata esklussivament bil-kura u kustodja tal-minuri. Il-Qorti tkompli tikkonferma l-konsiderazzjoni taghha tenut kont tal-fatt li bejn il-partijiet m'hemmx komunikazzjoni bazika u li anke l-Pulizija kellhom diffikulta' jintraccaw u jaghmlu kuntatt mal-intimat.

In vista ta' din in-nuqqas assoluta ta' responsabbilta' da parti tal-missier intimat, ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri illi ghal kull sitwazzjoni fejn jehtieg il-kunsens jew

firma tal-missier, l-attrici tkun kostretta tirrikorri ghal proceduri gudizzjarji sabiex tottjeni l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti tqis li jkun fl-interess tal-minuri illi fir-rigward ta' sahha (fizika, psikologika, u emozzjonali), edukazzjoni, attivitajiet estrakurrikulari, hrug u tigdid ta' identity card, passaporti u safar, l-attrici qed tigi awtorizzatha illi tiehu dawn id-decizjonijiet **wahidha u b'mod esklussiv**, minghajr il-htiega tal-awtorizzazzjoni, firma, kunsens jew presenza tal-missier.

Stabbilit il-premess, l-unika kontribuzzjoni li jista' jaghti l-missier ghat-trobbija ta' uliedu hija dik tal-manteniment. Huwa minnu li l-manteniment jigi stabbilit skont il-mezzi ta' min irid ihalsu kif ukoll il-bzonnijiet tal-minuri. Madanollu din il-Qorti tfakkar illi l-manteniment mhuwix marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari tal-parti **izda hu obbligu assolut**. Dan l-obbligu jibqa' dejjem hemm f'kull cirkostanza tal-hajja tal-genitur u jvarja biss fl-ammont. L-intimat kellu xoghol fil-kostruzzjoni li normalment igorr mieghu introjtu sod izda l-intimat biddel ammont konsiderevoli ta' impjiegi matul is-snien. Minkejja li kien il-habs, huwa xorta kien sab xoghol bhala *cleaner* u eventwalment ipprezenta kuntratt tal-impjieg ma' socjeta' bhala xufier tat-trakk. Mill-provi jirrizulta li l-intimat berbaq hafna minn flusu fuq diversi vetturi li kellu registrati f'ismu matul is-snin u ghalhekk in-nuqqas ta' pagament tal-manteniment mhuwiex relatat **ma' nuqqas ta' impjieg izda ma' nuqqas ta' ghaqal da parti tal-missier**.

Ghalhekk din il-Qorti taghmel taghha d-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta u tordna li l-intimat jibqa' jivversa l-ammont ta' sitt mitt euro (€600) fix-xahar. Dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlqu l-eta' ta' tmintax-il sena. Jekk xi wiehed mill-minuri jkompli jistudja, l-manteniment jibqa' jithallas sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm il-minuri jtemm l-istudji tieghu, skont liema kondizzjoni tavvera ruhha l-ewwel. Il-manteniment ghandu jithallas fl-ewwel gurnata tax-xahar u ghandu jizdied skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

Din il-Qorti konxja li l-partijiet lehqu ftehim illi fil-prezent l-intimat ser ikun qed ihallas l-ammont ta' hames mitt euro (€500) fix-xahar. Dan il-ftehim huwa wiehed fierah, stante li l-intimat qatt ma rega' deher il-Qorti jew onora dan l-cosi dett ftehim.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba, tafda l-kura u kustodja u t-tutela tal-minuri SBS u ZBS esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi r-residenza primarja tal-minuri tkun dik mal-omm u b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardjaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinajra u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug u tigdid ta' passaport u identity cards, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma, awtorizazzjoni jew presenza tal-intimat;**

2) **Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-intimat ihallas l-ammont ta' tlett mitt euro (€300) ghal kull wild fix-xahar u cioe' sitt mitt Ewro (€600) ghaz-zewgt itfal kull xahar, liema ammont jinkludi fih s-sehem tal-intimat mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u attivita extra kurrikulari tal-minuri; dan il-manteniment jibqa' jithallas mill-intimat sakemm l-istess minuri jghalqu t-tmintax –il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji tagghom fuq bazi full time; dan il-manteniment ghandu jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja.**

3) **Tilqa' t-tielet talba;**

4) **Tilqa' r-raba' talba;**

5) **Tilqa' l-hames talba u tordna li l-attrici omm ghandha wahidha, u minghajr il-kunsens, awtorizazzjoni jew presenza tal-intimat, tiddeciedi dwar il-htigijiet kollha tat-tfal inkluz izda mhux limitatament ghas-sahha, ghas-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u l-attivitajiet edukattivi u extra-kurrikulari tal-istess minuri.**

**L-ispejjez tal-proceduri jkunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**